## 28 ta' April, 1987

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A. LL.D.**

Hector Cassola għan-nom u in rappresentanza tas-Soċjetà *Heccas Ltd.*

*versus*

Christopher Vassallo

## Inċident Awtomobilistiku – Danni – *Skidding*

*Kawża dwar inċident awtomobilistiku. L-interess prinċipali tas-sentenza huma fuq ir-riflessjonijiet tal-Qorti dwar il-punt ta' skidding. Ġiet aċċettata l-linja ta' insenjament illi skid tqiegħed oneru qawwi ta' prova fuq min jallegaha bħala difiża. L-iskid irid jirriżulta minn xi ħaġa fortuwita u mhux b'xi konsegwenza ta' xi sewqan ħażin.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur *noe* li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Billi l-konvenut waqt li kien qiegħed isuq il-*motorcyle* Numru P – 5787 ħabat mal-*van* tad-ditta attriċi numru N – 6517 liema inċident ġara fis-17 ta' Frar 1984, fil-5.15 p.m. f'Girolamo Cassar Street, Valletta;

Billi l-inċident ġie kkawżat minn traskuraġni, nuqqas ta' ħsieb u ħila fis-sewqan, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Billi bħala riżultat ta' dan l-inċident id-ditta attriċi sofriet ħsara konsistenti fi ħsara fil-*van* u *loss of use*, u ħsarat oħra konsegwenzjali;

Billi l-konvenut għalkemm interpellat baqa' ma ħallasx;

Talab għalhekk l-attur lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli tad-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza ta' l-inċident premess, u dan billi l-istess inċident ġara b'tort biss ta' l-istess konvenut;

2. Jiġu llikwidati d-danni sofferti mill-attur *nomine* f'dan jew b'riżultanza ta' dan l-inċident, okkorrendo b'opera ta' periti nominadi;

3. Jiġi wkoll ikkundannat iħallas, *in vista* tal-premess, id-danni hekk illikwidati lill-attur *nomine;*

4. Jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż ta' dina l-kawża

inklużi Lm1 ta' l-ittra interpellatorja tat-22 ta' Frar 1984;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa illi:

1. Id-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-konvenut ma kienx responsabbli għall-kolliżjoni li ġrat bħala riżultat ta' *'casus'*;

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-lista tax-xhieda tagħhom;

Rat id-dokumenti esebiti;

Eżaminat l-atti kollha tal-kawża u senjatament ir-relazzjoni peritali ppreżentata mill-perit legali minnha nnominat;

Ikkunsidrat illi l-ħabta li tat lok għal dina l-kawża seħħet fis-17 ta' Frar 1984 xil-5.15 p.m. fi Triq Girolamo Cassar li tgħaqqad il-Belt Valletta mal-Furjana. L-art kienet imxarrba billi inzertat ix-xita. L-attur kien isuq *van* bin-numru N – 6517 waqt illi l-konvenut kien isuq *"motor-cycle"* bin-numru F – 5787. Il-konvenut m'huwiex jeċċepixxi xi ħitja da parti ta' l-attur li tul il-perkors ta' qabel il-ħabta jirriżulta li kien isuq b'mod regolamentari u fuq in-naħa tiegħu tat-triq. Il-konvenut *invece* eċċepixxa li l-inċident *de quo* ġara minħabba casus, xi ħaġa fortwita indipendentement minn xi negliġenza jew nuqqas min-naħa tiegħu. Kif spjega l-*Bingham* (ara *Motor Claims Cases* 9H ed p. 122):

*"A defence of skidding is sometimes raised in answer to*

*a* ***prima facie*** *case of negligence but the modern tendency is to regard a skid as placing a heavy onus of proof on the defendant'';*

Issa f'dan il-każ inoltre jirriżulta li l-mutur misjuq mill-konvenut invada l-karreġġjata ta' l-attur. Fil-każ *in re:* Rickley *vs* Faull, 1965, 3, ALL, E.R. 109, *per* Mckenne, J. ġie rritenut illi:

*''Where a vehicle moves on the wrong side of the road into the path of another car, there is a* ***prima facie*** *case of negligence which is not displaced merely by proof that the defendant's vehicle skidded'';*

L-iskid trid tkun tirriżulta minn xi ħaġa fortwita u mhux b'xi konsegwenza ta' sewqan ħażin da parti tas-sewwieq

*Ibda biex mill-provi jidher li qabel il-ħabta, il-konvenut* għamel manuvra ta' sorpass u li huwa daħal fil-*van* tad-ditta attriċi ara li qabeż in-nofs tat-triq. L-iskizz magħmul mis-Surġent tal-Pulizija li stħarreġ il-każ jikkonferma dan. Lanqas jirriżulta li l-mutur baqa' jitkaxkar kif allega l-konvenut sabiex jispjega l-ħsara li kellu fuq il-mutur. Il-konvenut, tenut kont ukoll tal-fatt li l-art kienet imxarrba bil-qtar tax-xita, messu qagħad attent li jsuq bi '*speed*' baxx – waqt li anki f'dan ir-rigward il-provi juru xort'oħra. Mill-provi mhux biss ma *jidhirx li kien hemm* xi ħtija attribwibbli lill-attur jew li eżista xi ''*casus*'', imma bil-maqlub, jirriżulta biċ-ċar illi l-inċident ġara tort tal-konvenut unikament;

Dwar il-likwidazzjoni l-Qorti taqbel mal-fatt li l-ispejjeż inkorsi kienu b'kollox fl-ammont ta' Lm224.94, oltre Lm7.00ċ

għas-*"survey report"*, u Lm300 ta' l-iskizz u rapport tal-pulizija – b'kollox immela Lm234.94ċ;

L-attur *noe* ppretenda wkoll ħlas għal-*"loss of use"* għal 53 jum bir-rata ta' Lm6.00 *per diem* li tulhom kellu jagħmel użu mill-karrozza privata ta' Hector Cassola *proprio*. L-abili perit legali, wara li adduċa diversi raġunijiet aċċetta l-prinċipju li **għalkemm ma rriżultax** li kien hemm xi ħlas ta' flus għall-kiri ta' vettura in sostituzzoni, huwa xorta waħda ħass li għandu jiġi llikwidat kumpens – però bir-rata ridotta ta' Lm2.00 *per diem*. Il-Qorti ma tistax taċċetta dan ir-raġonament prinċipalment fuq bażi legali u għas-segwenti raġunijiet in partikulari;

1. li ħlas ta' flus in realtà qatt ma kien hemm bejn l-attur *nomine* u l-attur *proprio* u ebda karrozza ma nkriet;

2. li danneġġjat hu dejjem fl-obbligu li jimminimizza l-*"quantum"* tad-danni kkaġonati; u

3. kif proposta ċ-ċitazzjoni f'isem is-soċjetà *Heccas Ltd.*, ebda ammont ma jista' qatt jiġi llikwidat, lanqas b'xi forma ta' kumpens a bażi ta' *arbitrio boni viri* billi *se mai* tali ħlas kien ikun jispetta lil Hector Cassola personalment – li m'huwiex parti f'dina l-istanza;

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċidi l-kawża billi filwaqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet ta' l-attur *nomine* kif dedotti fiċ-ċitazzjoni. U għall-fini tat-tieni (2) talba tillikwida d-danni ta' l-attur *noe* fl-ammont ta' mitejn u erbgħa u erbgħin lira Maltin u erbgħa u disgħin ċenteżmu (Lm244.94ċ) u tikkundanna fl-aħħarnett lill-konvenut,

unikament responsabbli *għall-inċident fuq imsemmi*, li jħallas dana l-ammont hekk illikwidat, oltre l-ispejjeż kollha ġudizzjarji, inklużi dawk peritali.